# Il-Pulptu tal-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris

**Kitba ta' Dun Victor Soler**

Meta nfetħet il-Knisja l-ġdida ta' Stella Maris f'Awwissu ta' l-1855, kien għad jonqosha ċerti affarijiet li jżejnu knisja, fosthom il-pulptu. Matul is-snin l-ewlenin Slimiżi flimkien mas-saċerdoti tal-Knisja bdew jistinkaw sabiex jagħmlu bosta opri.

L-ewwel pulptu kien forma ta' kaxxa fuq erba' saqajn ta' l-injam ta' l-aħmar. F'dawk iż-żminijiet il-pulptu kien iservi biex minn fuqu jsiru priedtki, eżerċizzi fil-granet tar-Randan kif ukoll fil-festi jintiseġ xi paniġrieku. Dan l-ewwel pulptu kien biex ngħidu hekk kien sar biex jgħaqdi dawn il-ħtiġijiet u ma kien ta' ebda pregju artistiku.



**Il-Pulptu meta ġie inawgurat mill-ġdid Wara l-ħsarat li ġarrab fil-gwerra**

Kien hemm ħtiġijiet aktar importanti minn pulptu artistiku u fl-ewwel għoxrin sena mill-ftuħ tagħha l-knisja kellha titkabbar kwazi bid-doppju ta' meta fetħet minħabba ż-żieda tal-popolazzjoni. Wara li tkabbret knisja, nbniet il-Koppla, Kappelluni, sagristija. Ix-xogħol ta' kostruzzjoni marbut mall-Knisja ġie fi tmiemu fl-1909 bil-faċċata l-ġdida biex b'hekk il-Knisja ħadet il-forma u dera li nafuha llum. Dejjem f'dan il-perjodu saru wkoll pitturi, statwi u opri oħra.

Fl-1916 laħaq bħala qassis Dun Mikiel Balzan u ftit wara ġie magħżul bħala prokuratur tal-Knisja. Huwa kien stinka ħafna sabiex jimla s-sagristija bl-armarji fejn jintefgħu kandlieri, fjuretti u bosta affarijiet oħra. Sar bankun fin-nofs tas-sagristija biex jintrefgħu pjaneti, kapep, damask etc. Biex b'hekk jiġu mizmuna f'stat tajjeb opri li saru kemm qabel Dun Mikiel kif ukoll fi żmienu.

Hekk kif il-knisja bdiet tisbieħ bl-opri artistiċi l-pulptu kien qed jistona, għaldaqstant Dun Mikiel beda jaħseb għal pulptu ġdid sabiex jiżżanżan f'għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-parroċċa fl-1928. Ġie mqabbad is-sur Ġużeppi Vassallo biex jiddisinjaħ filwaqt li ġie nkarigat jaħdmu l-bravu Alfredo Zarb li kien mhux biss mastrudaxxa iżda kien wkoll ebanista. Il-flus għal din l-opra kienet ħarġithom is-Sinjura Antonia Anastasi. Ġara li x-xogħol fuq il-pupltu l-ġdid ma kienx ser jitlesta sal-1928 u għalhekk iddeċidew li jagħmlu l-festi taċ-ċinkwanternarju sas-sena 1930.

Il-mensoli ta' taħt il-kaxxa kienu saru Catania. Il-bażi hija irħama sewda prezzjuża ħafna. Il-panew ċentrali maħdum fil-bronż jirrappreżenta lil Ġesu fid-diskors tiegħu fuq il-muntanja. Ġie inaugurat mill-Kappillan Dun Rafel Capurro waqt Akkademja Reliġjuża u Letterarja. Ġie mbierek minn Mons Pawlu Galea, Vigarju Ġenerali, li kien ukoll benefattur tal-Knisja ta' Stella Maris. Fl-okkażjoni ta' l-inaugurazzjoni kienu

saru diskorsi bil-Latin minn Mons. Emmanuele Galea. Sar ieħor bit-Taljan mill-avukat Alberto Magrin u ieħor bl-Ingliż minn Sir Ugo Mifsud. Id-diskors bil-Malti kien sar minn Mons. Pawlu Gauci.

It-Tarag li kellu ma kienx iddiżinjat minn Vassallo. Dan il-pulptu li kien tassew opra ta' valur artistiku iżda diżgrazzjatament meta il-Knisja ntlaqet bil-bombi tal-Ġermaniżi nhar l-1 ta' Marzu 1942 saret ħerba sħiħa u l-pulptu ġarrab ħsarat kbar.

Wara li spiċċat il-gwerra l-kappillan Inguanez li kien diġa ħa hsieb jagħmel it-tiswijiet tal-Knisja beda jaħseb biex jerġa jagħmel l-opri artistiċi li ntilfu jew li kienu soffrew ħsarat kbar. Għaldaqstant kien sejjaħ lil Alfredu Zarb sabiex isewwi l-pulptu. Apparti t-tiswijiet meħtieġa fil-pulptu ġew miżjuda fuq dahar il-pulptu żewġ puttini iżommu bejniethom iż-żewġ travel tal-kmandamenti. Immedjatament taħt, fin-nofs, ħamiema li tirrapreżenta l-Ispirtu s-Santu.



**Pannew tal-pultu fil-bronz li juri l-Madonna Stella Maris**

Xogħol ieħor tal-bronż li huwa xogħol ta' Samuel Bugeja, li jirrapreżentaw il-madonna Kewkba tal-Baħar, tħares lill-baħħara fil-perikli tal-baħar. Peress li s-sena 1950 kienet ġiet ipproklamata d-domma ta' Tlugħ fis-sema tal-Madonna sar panew ieħor fil-bronż jirrapreżenta l-Madonna tielgħa s-sema. Din id-darba fil-pulptu sar it-tarag hekk kif kien iddiżinjat originarjament minn G. Vassallo.

Ġie inawgurat mill-Kappillan Inguanez u mbierek minn Mon.s giovanni Mifsud, wild il-parroċċa ta' Stella Maris fis-sena 1952. Meta kien ġie il-Kappillan Rafel Pace Lupi ried ineħħi l-pulptu minn postu, jitfgħu fil-kappellun tad-Duluri u jneħħilu t-tarag.

Kien il-Perit Austin Attard Montalto li pperswadiħ biex ma jagħmilx dak li kellu f'rasu. Il-Perit Attard Montalto kien qallu "mobbli sabiħa u artistika tneħħiha?". Il-Kappillan Pace Lupi sema' minnu u l-pulptu baqa hemm u għadu jsebbaħ il-knisja Parrokkjali tagħna hekk kif kien fil-ħsieb tad-disinjatur tiegħu.

**Inġawdu l-Festa billi Nagħtu Ġieħ lil Marija Santissima STELLA MARIS Patruna tal-Parroċċa Tagħna Bis-sehem tagħna fil-funzjonijiet Li jinżammu ġewwa l-Knisja**